MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 665/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**

**Vs**

**Alexandra Gauci  u - Omissis**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiejt migjuba kontra Alexandra Gauci ta' 16-il sena bint Noel u Jacqueline xebba Attard, imwielda Pieta' nhar il-25 ta' Jannar 1988 u residenti Entrance A, Flat 2, Appartament Gublew tal-Fidda, San Gwann taz-Zwejt, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 62888 (M); u Leanne Shalbi ta' 15-il sena, bint Mohammed Ben Mustafa u Susan xebba Moore, imwielda Pieta' nhar l-10 ta' Gunju 1988 u residenti Block G, Flat 3,

Bella Vista Street, San Gwann, detentrici tal-Karta tal-Identita, bin-numru 278088 (M);

Talli nhar il-25 ta' Gunju 2003 ghal habta tal-11 ta' filghaxija, f'Paceville, San Giljan, ikkommettew serq ta' *mobile* tal-marka *Samsung*, liema serq hu kwalifikat, bil-hin u valur li jaccedi l-Lm100 (mitt lira) izda anqas minn Lm1000 (elf lira maltin), u li sar ghad-detriment ta' Veronica Debattista.

U aktar talli Alexandra Gauci wahedha fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Wara li rat il-verbal taghha tal-lum fejn il-Prosekuzzjoni tablet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati, u l-Qorti laqghat it-talba u ordnat li l-atti fil-konfront tal-imputata Leanne Shalbi jintabatu lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lill-Qorti tal-Minorenni.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata Alexandra Gauci, waqt l-istadju tal-ezami tal-istess imputata.

Wara li tat zmien bizzejjed lill-imputata skond il-Ligi, sabiex tikkonsidra din l-istess ammissjoni, u rat li l-istess imputata ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli 261, 267, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi t-tieni akkuza, hija alternattiva ghall-ewwel wahda, u ghalhekk minhabba l-istess ammissjoni tal-imputata, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizjoni ta' din l-istess tieni akkuza.

Rat il-Fedina Penali netta tal-istess imputata.
Ghal dawn il-motivi il-Qorti fuq ammissjoni tal-istess imputata, issib lil Alexandra Gauci, hatja tal-ewwel akkuza

kif detotta, u tordna li titqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal perjojdu ta' sena *ai termini* tal-Artikolu 7, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna li kopja ta' din is-sentenza, tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation*, sabiex jinhatar ufficjal, skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------